**18 ta' Jannar, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Franco Depasquale B.A., LL.D.**

E M

*versus*

C M

# Nullita` ta' Żwieġ

*F'dan il-każ, wara eżami taċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti waslet għall-konklużjoni li ż-żwieġ kien null.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provedimenti opportuni;

Premess illi fid-disa' (9) ta' Marzu, elf disa mija tlieta u sebgħin (09.03.1973) l-attur daħal f'forma ta' żwieġ mal-konvenuta fir-*Registry Office* ta' Plymouth, l-Ingilterra;

Premess illi dan iż-żwieġ apparenti kien null *ab initio* u dan minħabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju da parti tal-konvenuta għar-rigward tal-ħajja miżżewġa u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, kif ukoll għaliex ma kellhiex fil-mument taż-żwieġ is-setgħat intellettwali neċessarji biex toħloq kunsens għaż-żwieġ;

Talab li:

Jiġi ddikjarat u deċiż illi s-suppost żwieġ ikkuntrattat bejn il-

partijiet fir-*Registry Office* fi Plymouth, l-Ingilterra fid-disa' (9) ta' Marzu, 1973 kien null u bla effett *ab initio*;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentat ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li fiha hija eċċepiet illi t-talba attriċi kienet kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li ż-żwieġ kien null minħabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju da parte tal-konvenuta għar-rigward tal-ħajja miżżewġa u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ jew għax ma kellhiex fil-mument taż-żwieġ setgħat intelletwali neċessarji biex toħloq kunsens għaż-żwieġ; anzi tant iż-żwieġ kien armonjuż u tant il-konvenuta kienet konxja fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-ħajja miżżewġa u tant il-kontendenti qdew l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, li sal-lum il-ġurnata tellgħu u rabbew bl-aktar mod u mġiba serji erbat itfal;

Illi għal madwar għaxar snin sħaħ il-kontendenti abitaw flimkien u bnew familja eżemplari u għalhekk ma jistax jiġi allegat ebda difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju da parti tal-kontendenti a rigward tal-ħajja miżżewġa;

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess jingħad bl-akbar serjeta' u responsabilita' li t-talba attriċi għandha l-iskop ulterjuri li bħala konsegwenza tad-dikjarazzjoni tan-nullita' ta' żwieġ (pero' b'riserva ta' dak ikkontemplat fl-artikolu 20 (1), (2, (3) u (5) ta' l-Att dwar iż-Żwieġ ta' l-1975 kif sostitwit bl-Att 34 ta' l-1981) il-konvenuta terġa' tintbagħat lura l-Ingilterra taħt l-*Immigration Act*

u sabiex l-attur ikun jista' jiżżewweġ lil ċerta mara Skoċċiża bl-isem ta' Brenda;

Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-relazzjonijiet bejn il-kontendenti ħżienu xi ftit biss f'dawn l-aħħar sentejn u dan se mai jista' jagħti l-ordni biss għal separazzjoni personali bejn il-kontendenti skond il-liġi, ħaġa li fil-fatt il-konvenuta ġa għamlet billi rrikorriet fis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili;

Illi għalhekk it-talba attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż;

Rat id-dikjarazzjoni ġurmentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati kif ukoll l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet tagħha ta' l-1 ta' Lulju, 1986 li permezz tiegħu l-Qorti nnominat lill-Avukat Dr. Patrick Vella, Assistent Ġudizzjarju biex jisma' u jieħu x-xhieda u jirċievi d-dokumenti prodotti mill-partijiet;

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Novembru, 1986 li permezz tiegħu l-imsemmi Assistent Ġudizzjarju, Dr. Patrick Vella ġie ssostitwit bl-avukat Dr. Jacqueline Grima peress li huwa kien ġie elevat għall-Maġistratura;

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' April, 1988 li wara talba tad-difensur ta' l-attriċi ġie nnominat il-perit psikjatra Dr. Joe Pullicino biex jassisti lill-Assistent Ġudizzjarju, liema nomina ġiet sussegwentement irrevokata fit-8 ta' Ġunju, 1994;

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Diċembru, 1991 li permezz

tiegħu, peress li anke l-avukat Dr. Jacqueline Grima ġiet elevata għall-Maġistratura, irrevokat l-inkarigu li kien ingħata lilha u ġie nnominat l-avukat Dr. Peter Borg Costanzi bħala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attriċi u wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet issollevati u biex jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit legali Dr. Peter Borg Costanzi li tinsab a fol. 162 *et seq* tal-proċess u li ġiet minnu debitament ikkonfermata fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 1994;

Semgħet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-proċess;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur ippreżenta din iċ-ċitazzjoni biex jiġi ddikjarat null u bla effett iż-żwieġ li huwa kkuntratta mal-konvenuta fir-Reġistru ta' Plymouth fl-Ingilterra u din it-talba huwa bbażaha fuq l-allegazzjoni illi l-kunsens ta' l-istess konvenuta kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju u wkoll minħabba anomalija psikoloġika serja li għamlitha għaliha impossibbli li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ u illi ma kellhiex is-setgħat intelletwali neċessarji biex toħloq il-kunsens meħtieġ għaż-żwieġ;

Illi l-konvenuta, għalkemm fl-eċċezzjonijiet tagħha ċaħdet dawn l-allegazzjonijiet serji ta' żewġha, naqset illi tagħti x-xhieda tagħha jew tressaq xhieda estraneji u dan nonostante l-fatt illi ċertament kienet taf bl-andament tal-kawża tant li t-talba għall-istess perit legali kkomunika magħha fuq it-telefon; jiġi rrilevat li ngħatat

żmien altru milli biżżejjed biex tagħmel dan;

Illi fin-nuqqas ta' parteċipazzjoni da parti ta' l-istess konvenuta l-ġudikant ikollu jidħol bid-dettal kollu aktar milli jsir normalment fil-valutazzjoni tax-xhieda li tkun tressqet mill-parti l-oħra;

Illi mir-riżultanzi proċesswali jidher illi l-attur meta kellu biss għoxrin sena (20) mar l-Ingilterra biex isib impjieg iżda fil-fatt ma daħalx jaħdem mal-Midland Bank kif kien qiegħed jispera, imma sab impjieg ma' aġenzija ta' l-ivvjaġġar; tul dan il-perijodu huwa ltaqa' mal-konvenuta li kienet taħdem bħala *cleaner* ġewwa bar u magħha beda relazzjoni ta' konkubinaġġ li damet diversi snin u illi bħal riżultat ta' din l-intimita' kienet tiwledet l-ewwel tarbija tal-kontendenti li ġiet imsejħa bl-isem Mandy; fi kliem l-attur mhux kontradett "minn qabel dak iż-żmien kienet tixrob imma meta ġiet miegħi indunajt li kienet tixrob ħafna. Minħabba l-vizzju tax-xorb jiena kemm-il darba għidtilha biex titlaq minn miegħi jekk ma kinitx ser taqta' l-vizzju, pero' jiena ma tantx għamilt *fuss* billi ma kontx f'pajjiżi. Kelli biss wieħed u għoxrin sena (21)". Huwa jkompli jgħid illi meta kienet ħarġet tqila b'din it-tifla qabel iż-żwieġ il-konvenuta nbidlet kompletament u waqfet mix-xorb; l-attur ħaseb li l-problemi kienu spiċċaw u għalhekk sab impjieg ta' *plasterer* u fil-fatt il-kontendenti żżewġu; pero', ftit wara t-twelid, il-konvenuta reġgħet bdiet tixrob bħal qabel;

Illi l-attur jattribwixxi dan l-atteġġjament bla kontroll tal-konvenuta anke għall-fatt illi hija kienet diġa' welldet tarbija oħra preċedentement u tatha in adozzjoni u wkoll kienet dejjem ossessjonata bil-fatt illi anqas biss kienet taf min kien missierha;

Illi dwar meta ġie ċċelebrat il-kuntratt taż-żwieġ, l-attur xehed

"qabel ma żżewiġna ma morna għal ebda *counselling* ta' qabel iż-żwieġ. Għat-tieġ kienu ġew biss hija u martu. Lil ommi lanqas biss għidtilha li ser niżżewweġ. Għidtilha biss tliet snin wara, meta aħna ġejna noqogħdu Malta"; irriżulta li l-konvenuta baqgħet dejjem bil-problemi tax-xorb tant li meta ġiet hawn Malta hija kienet ikkonsultat lil Dr. Abram Galea li bagħat għall-istess attur u qallu illi martu, il-konvenuta, kellha problema psikoloġika serja "qalli li marti kienet *schizophrenic with suicidal tendencies* u li hu ma setax jikkuraha". Jiġi rrilevat li peress li l-konvenuta ma ħaditx parti fil-kawża u allura anqas tat il-kunsens lill-imsemmi Dr. Abram Galea biex jagħti x-xhieda tiegħu, dana x-xhud għalkemm deher quddiem il-perit legali ma setax jagħti x-xhieda tiegħu;

Illi l-istat mentali tal-konvenuta għandu jiġi wkoll ikkunsidrat fid-dawl tal-mod kif hija għexet għal snin wara ż-żwieġ u l-allegazzjonijiet ta' l-attur f'dan ir-rigward jidhru konvinċenti; għalhekk kif qal l-abbli relatur "l-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju seta' jintrabat mal-fatt li l-konvenuta kienet tixrob ħafna, ma kinitx tieħu ħsieb it-tfal, id-dar u l-familja. Kienet anke taħt kura ta' psikjatra, ma kellhiex kontroll fuq il-flus u ma ħasbithiex darbtejn biex tmur ma' rġiel oħra. Dawn l-allegazzjonijiet kollha ħarġu ċari";

Illi wieħed ukoll irid jieħu in konsiderazzjoni x-xhieda mogħtija minn ulied il-kontendenti li għalkemm ingħatat naturalment snin wara ċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, pero` kollha jikkonfermaw li ommhom minn dejjem kienet soġġetta għall-vizzju tax-xorb u ma kinitx tieħu ħsieb l-affarijiet tagħha u tal-familja kif kien jixraq; għalkemm ta' eta` żgħira, huma setgħu jikkonstataw li ommhom kienet iddaħħal l-irġiel id-dar u darba minnhom anke sabuha rieqda ma' raġel fid-dar konjugali;

Illi l-Qorti għalhekk taqbel mal-perit legali illi għalkemm dawn il-fatturi jekk jittieħdu waħedhom u isolament ma jwasslux għall-konklużjoni li ż-żwieġ għandu jiġi ddikjarat null, pero' meta dawn il-fatturi jittieħdu flimkien u fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-ħajja tal-kontendenti m'għandux jibqa' dubbju li l-konvenuta kellha difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju għar-rigward tal-ħajja miżżewġa u d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha anke fil-mument meta hija tat il-kunsens tagħha għaż-żwieġ in kwistjoni; għalkemm hemm kawżali oħra, kif irrilevat mill-abbli relatur, una volta ġie aċċettat l-ewwel kawżali allegat ma jkunx hemm il-ħtieġa li l-ġudikant jidħol fil-kawżali l-oħra li kienu jikkonċernaw l-allegata anomalija psikoloġika serja tal-konvenuta jew in-nuqqas tas-setgħat intelletwali neċessarji biex jinħoloq kunsens għaż-żwieġ;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null u bla effett iż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-kontendenti fir-*Registrar's Office* ta' Plymouth l-Ingilterra fid-9 ta' Marzu, 1973 u dan minħabba li l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizzjat minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju a tenur ta' l-artikolu 19 (1) (d) ta' l-Att dwar iż-Żwieġ;

Minħabba ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u senjatament dawk anteċedenti għaż-żwieġ l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-kontendenti.